MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
MANDUCA PHILIP**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 820/2002/1

**U.C.I.M. Co. Ltd
Vs
Mark Ciantar**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1220 (elf, mitejn u ghoxrin lira Maltin) rappresentanti importa ta' ghaxar kambjali, kollha ta' Lm122 –il wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2001 sa Marzu 2002 rispettivament u mhux mhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numru 1 sa 10 konsekuttivament u nklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat- 18 ta' Marzu 2002 jammontaw ghal- Lm48, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat- 28 ta' Jannar, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra  n-nota tas-socjeta attrici li biha stante pagament fil-mori tal-kawza ta' Lm814.00, in kwantu ghal Lm24 ghall-imghax sat- 12 ta' Lulju, 2002 u bl-bilanc ta' Lm790 akkont tas-soret, rriduciet is-sorte bl-istess somma ta' Lm 790 u zammet ferm ghall-bilanc tas-soret ghal Lm325 bl-imghax mit-13 ta' Lulju, 2002 u l-ispejjes tal-kawza.

Ra li l-konvenut baqa kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, ghall-Lm325 (tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**